MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 24

25 ta' Awwissu 2014

Minuti tas-seduta Nru. 24 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn l-24 ta' Awwissu 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, flimkien mal-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ Erica Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti tas-seduta.

## Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali (Z/1/Vol V)

Fil-bidu tas-seduta s-Sindku laqa' lis-Sinjorina Erica Galea li ġiet uffiċjalment approvata mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali bħala l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Is-Sur J. Buttigieg awguralha ħidma sfiqa fi ħdan il-Kunsill.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.5.2. **(Ref: P/4/32)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"2.5.3. Il-Kunsillier H. Fenech staqsa dwar jekk huwiex ser isir xi tibdil fil-kontenut tar-raba' slide tal-preżentazzjoni grafika, wara l-laqgħa li saret mad-Deputati Parlamentari fit-2 ta' Awwissu 2014.".*

1.2. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 4.3.3. **(Ref: R/2/Vol II)** u talab li tiġi emendata kif jidher hawn taħt:

*"4.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li xi żmien ilu kienu ttieħdu xi ritratti, filwaqt li l-materjal għadu fuq il-post.".*

1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.6.2. (Ref: A/5/3/Vol XIII) u talab li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"4.6.2. Il-Viċi Sindku rrefera għal imejl datat 3 ta' Lulju 2014 mibgħut mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija, fejn stiednu lill-Kunsill għall-festival annwali msejjaħ Toamna Cugireana li ser iseħħ bejn id-19 u t-22 ta' Settembru 2014. Il-Kunsill tal-Mellieħa ntalab jibgħat artisti sabiex jieħdu sehem fl-imsemmija attivita`. Is-Sur C. Bartolo qal li t-titjiriet bejn Malta u Bucharest f'Settembru sad-data tas-seduta kienu jiswew €70 kull persuna. Bucharest hija madwar sitt siegħat bogħod minn Cugir. L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u l-ikel ser jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill ta' Cugir. Is-Sur C. Bartolo qal li huwa diġa tkellem ma' xi artisti li ser jieħdu sehem fl-Iljieli Melleħin u jidher li hemm interess min-naħa tagħhom. Kompla jgħid li fil-fatt hemm disa' artisti nteressat li jmorru Cugir.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 23 bl-emendi t'hawn fuq u għaldaqstant s-Segretarju ġie mitlub jippubblikahom fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Restawr ta' beni fuq il-Gżejjer ta' Selmun (R/2/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-18 ta' Awwissu 2014 huwa attenda konferenza stampa organizzata mill-għaqda Din l-Art Ħelwa u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, fejn tħabbar li l-istess għaqda ser tkun qed tirrestawra l-istatwa ta' San Pawl fuq il-gżira ta' Selmun, b'finanzjament minn l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li dik magħrufa minn bosta bħala kappella, tista' tkun li kienet isservi post ta' abitazzjoni li huwa x'aktarx razzett.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li għandha ssir laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa bil-għan li jitfassal pjan ta' x'għandu jsir u jiġi ndikat ukoll il-kontribut finanzjarju li jista' jingħata min-naħa tal-Kunsill fid-dawl tal-fatt li l-ġzejjer ta' Selmun jiffurmaw parti mit-territorju tal-Mellieħa.

2.1.5. Is-Sur J. Buttigieg ħa din l-okkażjoni biex jitlob lis-Sinjorina Simone Mizzi – il-President Eżekuttiv ta' Din l-Art Ħelwa – sabiex jikkonsidraw wkoll ir-restawr tal-kamra msemmija aktar 'il fuq u l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fuq l-istess gżira.

### 2.2.1. Traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XII)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li Sqaq Ħarruba nfetaħ għat-traffiku fid-direzzjoni għat-telgħa, kif approvat minn Transport Malta u l-MEPA skont il-permess PA 3337/13.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta dwar it-traġitt ta' vetturi kbar minn ġol Manikata, kif ukoll t-titjib tat-triq ġdida li nfetħet biswit Misraħ il-Parroċċa u Ġnien iż-Żerniq. Dan bil-għan li tkun tista' tieħu aktar traffiku u hekk il-misraħ ikun jista' jinbidel f'żona pedonali.

2.2.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li t-tibdil meħtieġ fil-linja tat-triq jirrikjedi permess mill-MEPA.

2.2.5. Is-Sur C. Debono wieġeb li r-rappreżentazzjonijiet illi saru f'dan l-istadju huma ntiżi sabiex ikun magħruf dwar jekk Transport Malta taqbilx fil-prinċipju li jingħalaq il-misraħ. L-eżitu` ta' dan għandu jiddetermina dwar jekk għandhiex issir *Planning Control Application* mal-MEPA biex titneħħa l-kantuniera tal-ġnien, jew le.

### 2.3.1. L-Iljieli Mellieħin 2014 u l-Konferenza *"Bringing the EU Closer to the Local Communities"* (A/5/3/5/Vol V)(P/10/24)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-andament tal-Iljieli Mellieħin kien wieħed tajjeb ħafna, kemm mill-aspett organizzattiv, kif ukoll f'dik li hija konkorrenza mill-pubbliku. Dan minkejja li f'Awwissu jkunu għaddejjin diversi attivitajiet f'lokalitajiet oħra, partikularment b'rabta mal-Festa ta' Santa Marija. Huwa kompla jgħid li l-kwistjoni taż-żmien dejjem hija debattibbli u kull għażla li ssir għandha l-aspett pożittiv u n-negattiv tagħha. Aċċenna għall-fatt li oriġinarjament l-Iljieli Mellieħin kienu jsiru f'Settembru, iżda sussegwentement ġew trasferiti għal Awwissu minħabba l-pressjoni li kienu għamlu l-kumitati tal-baned. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-aspett tal-konferenza imsemmija ntegra tajjeb mal-atmosfera tal-Iljieli bl-ispettaklu li offrew uħud mid-delegati waqt is-serati. Huwa ħa din l-okkażjoni biex jirringrazzjaw lill-Viċi Sindku C. Bartolo u lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini li kienu nvoluti fil-kordinazzjoni tal-attivitajiet, flimkien mal-membri tal-i*staff* tal-Kunsill, is-Sinjuri M. De Bono u S. Borg.

2.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 11.4. tas-seduta preċedenti u qal li d-dati tal-Iljieli għandhom jkunu marbuta mal-Festi ta' Santa Marija u l-Vitorja. Huwa kkummenta li l-Iljieli Mellieħin għandhom jitqiesu bħala *build up* għall-Festa tal-Vitorja jew l-għeluq tal-istess festa. L-edizzjoni ta' din is-sena ġiet kmieni wisq biex titqies bħala *build up* għall-Vitorja. Huwa qal li meta l-Vitorja taħbat fi tmiem il-ġimgħa jkun jagħmel sens li l-Iljieli Mellieħin isiru f'Awwissu, iżda meta ma jkunx hekk, ikun aħjar li dawn jsiru fi tmiem-il ġimgħa li jiġi wara l-Vitorja. Kompla jgħid li l-ewwel edizzjonijiet kienu saru eżatt

wara l-Vitorja, biex tittieħed opportunita` li jkun għad hemm l-armar tal-festa kemm fit-toroq kif ukoll fil-knisja.

2.3.4. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li l-attendenza għas-serata tal-ġimgħa 8 ta' Awwissu ma kinitx daqshekk tajba, forsi minħabba r-raġunijiet mogħtija mis-Sindku fil-minuta 2.3.2.

2.3.5. Is-Sindku rrimarka li wara l-Vitorja tikber il-possibilta` li tagħmel ix-xita li tista' tħarbat l-attivitajiet. Dwar is-serata tal-ġimgħa, huwa qal li l-attendenza tiddependi mill-għażla ta' talent li jinġieb. Huwa qal li l-kantanta Claudia Faniello u l-grupp Airport Impressions jappellaw l-aktar għaż-żgħażagħ li għandhom aljenazzjonijiet oħra. Huwa qal li forsi kien ikun hemm attendenza iktar numeruża kieku kien hemm mużika mhux daqshekk riċenti, bħal dik li normalment jitrattaw *tribute bands* li tappella għal iktar minn ġenerazzjoni waħda.

2.3.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-konferenza kellha tiġi ndirizzata mill-Onor. Ian Borg – Segretarju Parlamentari għall-Presidenza tal-UE 2017 u l-Fondi tal-UE – iżda minħabba npenn ieħor attenda is-Sur Raphael Scerri - d-Direttur Ġenerali tal-*Funds and Programmes Department*. Dwar id-dati tal-Iljieli, huwa qal d-diversi attivitajiet li jorganizzaw l-għaqdiet inkluż il-*barbecues*, jistgħu wkoll jiġu ntegrati mal-Iljieli Melleħin billi jsiru f'daqqa. Huwa qal ukoll illi għandu jiġi kkunsidrat li dawn isiru fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju.

2.3.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, qalet li l-attendenza għas-serata tat-8 ta' Awwissu żdiedet aktar ma beda dieħel il-ħin. Hija qalet ukoll li taqbel mal-proposta li l-Iljieli jsiru f'Lulju u ma' tarax għaliex għandhom ikunu abbinati mal-Festa tal-Vitorja.

2.3.8. Il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li jkun hemm nies li jmorru għall-*barbecues* kollha li jiġu organizzati u hekk tista' taffettwa l-konkorrenza u l-introjtu li l-għaqdiet ikollhom minnhom. Dwar il-proposta li l-Iljieli jsiru fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju, huwa qal li wieħed irid jara l-inpenji illi jkollhom il-baned dik il-ħabta. Għall-edizzjoni 2015, huwa jara li hemm żewġ għażliet, li jaħbtu mis-7 sal-9 ta' Awwissu, jew mil-11 sat-13 ta' Settembru.

2.3.9. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-għaqdiet mużikali sabiex sas-seduta li jmiss tittieħed deċiżjoni dwar id-data għall-edizzjoni 2015.

2.3.10. Waqt id-diskussjoni fuq dan is-suġġett il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-fatt illi l-parti l-kbira tal-artisti, kantanti, preżentaturi u nies oħra li taw kontribut fl-Iljieli għamlu hekk mingħajr ħlas. Fil-każ tal-artisti, dawn anke taw kontribut biex ittellgħet inizjattiva "L-Arti fil-Misraħ". Huwa qal li għaldaqstant ikun xieraq illi dawn jiġu trattati billi ssir ikla għalihom bħala rikonoxximent.

2.3.11. Is-Sindku appella sabiex ikun hemm prudenza f'dawn it-tip ta' attivitajiet għaliex fil-passat kienet inġibdet l-attenzjoni dwarhom mill-udituri. Huwa qal ukoll li wieħed irid joqgħod ferm attent min għandu jiġi mistieden.

2.3.12. Is-Segretarju ġibed l-attenjoni li l-ikliet u riċevimenti huma regolati permezz ta' Memos 12 u 8/2011. Huwa fakkar ukoll li aktar kmieni fl-2014 kien hemm riċevimenti marbuta ma' Jum il-Kunsill u l-*Mellieħa Business Forum*. Billi l-imsemmija *memos* ma kinux għad-disposizzjoni tiegħu waqt is-seduta, is-Sur C. Debono qal li ser jibgħat kopja tagħhom lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex ikunu ggwidati aħjar qabel tittieħed deċiżjoni fuq din il-materja.

## 2.4.1. Programm ta' asfaltar ta' toroq fiż-żona tas-Sellum (T/4/13/Vol X)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta tal-qabel u għarraf lill-Kunsill li fl-20 ta' Awwissu 2014 saret laqgħa ta' kordinazzjoni bejn l-entitajiet kollha konċernati dwar l-asfaltar mill-ġdid ta' Triq it-Tumbrell, Triq il-Klamari, u Triq il-Kahli, bil-għan li x-xogħol ikun jista' jinbeda kmieni fl-2015.

2.4.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fl-istess laqgħa sar aċċenn għall-possibilta` li Triq Ramlet il-Qortin tingħata wiċċ fl-ewwel opportunita` possibbli. Il-*Contract Manager* intalab jispezzjona din it-triq u jissottometti stima tax-xogħol meħtieġ. Huwa ma eskludiex li jista' jintalab l-intervent tal-Gvern Ċentrali dwar il-finanzjament ta' dan ix-xogħol.

2.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Żejtuna u Triq Ta' Taħt l-Irdum (E/1/3/Vol VI)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq dan il-proġett inbeda fil-25 ta' Awwissu bil-bankina ta' Triq Ta' Taħt l-Irdum.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Skema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ l-Parroċċa fil-Manikata (P/4/25)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret sejħa offerti Nru. 7/2014 li tagħlaq fil-15 ta' Settembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-ewwel waħda – 6/2014 – ġiet irtirata u modifikata fuq parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Użu ta' *barbecue* fi Triq l-Għoljiet (T/4/10)

2.7.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.3.3. tas-seduta preċedenti u qal li waqt l-lljieli Melleħin l-opperatur tal-Billy's Music Club baqa' għaddej bit-tisjir barra fi Triq l-Għoljiet anke wara l-11.00 ta' bil-lejl. Huwa jemmen li dan l-abbuż qed jimbarazza lill-Kunsill fost ir-residenti tal-madwar.

2.7.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkonferma dak li qal is-Sur E. Bartolo u stqarr li huwa ser jopponi l-ħruġ ta' permessi simili fil-każ tal-istess operatur.

### 2.8.1. Korsijiet tal-*aerobics* għall-anzjani (E/3/1/11)

2.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u qal li minn kuntatti li huwa għamel mad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni dwar il-kors imsemmi taħt l-iskema Tagħlim Tul il-Ħajja (*Lifelong Learning*) jista' ikun hemm anzjani li jkollhom iħallsu jekk jieħdu iktar minn kors wieħed taħt l-iskema. Meta wieħed iqabbel dan mal-kors offrut mid-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani, is-sessjonijiet ser jonqsu fil-ħin minn siegħa u nofs għal siegħa, filwaqt li r-rata tal-ħlas tal-*instructor* ser tonqos ukoll minn €16.33 għal €11.65 kull siegħa. Huwa għarraf ukoll li l-frekwenza ser tonqos ukoll minn darbtejn għal darba fil-ġimgħa. Għaldaqstant huwa rrakkomanda li jitqabbad *instructor* pprovdut mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita`, fejn l-istess Dipartiment u l-Kunsill ser jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kors nofs bin-nofs. Dan ser isir f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, bejn Ottubru 2014 u Ġunju 2015.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.9.1. Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa (A/1/2/Vol VII)

2.9.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 12.7. tas-seduta preċedenti u, kif kien mitlub, ressaq rendikont tal-attendenza li kien hemm fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fl-ewwel, it-tieni u t-tielet ġimgħa ta' Awwissu 2014. Din kienet kif jidher hawn taħt:

| L-Ewwel Ġimgħa | Ġunju | Lulju | Awwissu |
|---|---|---|---|
| It-Tnejn | 18 | 18 | 17 |
| It-Tlieta | 52 | 46 | 46 |
| L-Erbgħa | 22 | 20 | 24 |
| Il-Ħamis | 64 | 24 | 33 |
| Il-Ġimgħa | 35 | 17 | 25 |

2.9.3. A bażi tal-istatistika mressqa, il-Kunsill iddeċieda li s-servizz għandu jibqa' jingħata kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis b'vettura iżgħar li tkun tista' takkomoda erbatax-il passiġġier.

### 2.10.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

2.10.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għall-minuta 1.7. fil-minuti tal-laqgħa li saret dwar il-proġetti kapitali mad-Deputati Parlamentari tat-12-il Distrett Elettorali li saret fit-2 ta' Awwissu 2014. Bil-punt li huwa qajjem f'din il-laqgħa huwa ried jgħid li kellhom jiġu mistiedna wkoll il-kandidati li kkontestaw l-aħħar elezzjoni ġenerali fuq it-Tnax-il Distrett, iżda li ġew eletti minn distretti oħra bħal fil-każ tal-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Tonio Fenech. Dan sabiex il-Kunsill ikun konsistenti mal-istedina li saret lill-Ministru Evarist Bartolo. Huwa għaldaqstant talab li l-minuta 1.7. għandha tinqara kif ġej:

> *"1.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li forsi jkun jagħmel sens jekk għal dawn il-laqgħat jiġu mistiedna wkoll il-kandidati li kkontestaw l-aħħar elezzjoni ġenerali fuq it-Tnax-il Distrett, iżda ġew eletti minn distretti oħra."*.

2.10.3. Is-Sindku qal li huwa ma jistax jikkontesta l-korrezzjoni li ntalbet mill-Kunsillier E. Bartolo, madankollu l-Ministru Evarist Bartolo huwa persuna li għandu l-għeruq tiegħu fil-Mellieħa.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/09/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/08/14 – 11/09/14;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Parking bays* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mis-Sur Niel Briffa, fejn talab li jsiru l-*parking bays* fuq iż-żewġ naħat tal-imsemmija triq, peress li hemm residenti li qed jabbużaw billi jipparkjaw b'tali mod li jittieħed spazju iktar milli meħtieġ, biex jirriżervawħ għall-familjari tagħhom.

4.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li biex il-Gwardjani Lokali jirreġistraw kontravvenjonijiet dwar il-*parking bays*, jeħtieġ li jkollhom struzzjonijiet speċifiċi mill-Kunsill f'dan ir-rigward. Huwa qal ukoll li t-triq mhijiex wiesgħa biżżejjed biex tieħu l-wisa` ta' erba' vetturi f'daqqa, u għalhekk huwa mpossibbli li tieħu l-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat flimkien ma' karreġġjata fiż-żewġ direzzjonijiet.

4.1.4. Is-Sindku qal li dawn it-tip ta' abbużi mhumiex limitati għal Triq l-Iżbark tal-Franċiżi biss. Kompla jgħid li din it-triq hija dejqa, filwaqt li hija *two-way* peress li ma tinfidx. Dan jagħmilha diffiċli li jkun hemm ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tagħha. Apparti dan, huwa diffiċli li wieħed jiddetermina fuq liema naħa għandhom jinżebgħu l-*parking bays*.

4.1.5. Il-Kunsillier J. Attard, irrakkomanda li l-Kunsill għandu jagħmel rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta bil-għan li tiġi stabbilita r-raġuni li qed iżżomm il-ftuħ ta' Triq ir-Rattan, bejn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u Triq il-Fortizza.

4.1.6. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti, minħabba r-raġunijiet miġjuba, filwaqt li qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta bil-għan li jiġi stabblit x'inhu jżomm il-ftuħ tal-parti ta' Triq ir-Rattan imsemmija.

### 4.2.1. Ħsara fi proprjeta` fi Triq il-Vitorja (T/3/2/Vol XIII)

4.2.2. Inġibdet l-attenzjoni għal imejl tat-12 ta' Awwissu 2014, fejn Transport Malta għarrfet li għandha lment minn resident fi Triq il-Vitorja dwar ħsara li qed tiġi kkawżata minn vetturi kbar li qed jolqtu l-galleriji tal-appartamenti li hemm bejn Triq il-Bronja u Triq il-Mitħna l-Qadima. L-istess resident talab li jiġi pprojbit l-ipparkjar faċċata tal-istess gallariji.

4.2.3. Is-Segretarju fakkar li dan is-suġġett kien ġie diskuss fis-seduta Nru. 16 tal-20 ta' Frar 2014, meta kien ġie deċiż li għandu jiġu pprojbit it-traġitt ta' vetturi kbar fl-istess parti tat-triq.

4.2.4. Wara diskussjoni fit-tul, il-Kunsill qabel li għandhom jsiru *parking bays* sofor fi Triq il-Vitorja, bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq il-Mithna l-Qadima, fuq in-naħa fejn hemm il-gallarijiet, filwaqt li bejn Triq it-Tgħam u Triq il-Mithna l-Qadima jsiru *parking bays* bojod. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru *double yellow lines* fuq in-naħa l-oħra, bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq it-Tgħam.

## 4.3.1. Sewqan b'veloċita` qawwi fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XII)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 12 ta' Awwissu 2014 dwar ir-rakkomandazzjoni li kien għamel il-Kunsill fis-seduta Nru. 19 tat-30 ta' April 2014, sabiex ssir *raised plateau* fl-imsemmija triq. Transport Malta ma laqgħetx din il-proposta minħabba l-problemi li toħloq bl-ilma tax-xita, kif ukoll billi l-parti tat-triq l-iktar dejqa, hija niżla. Bħala alternattiva l-awtorita` issuġġeriet *road thumps*.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn jiġġeneraw l-istorbju u għalhekk it-talba għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid kemmil- darba jkun hemm il-kunsens tal-residenti l-oħra.

## 4.4.1. Proġett *"Act Today For A Better Tomorrow 2"* (P/10/17)

4.4.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 25 ta' Awwissu 2014, mibgħut mill-Municipalita` ta' Vecpiebalga fil-Latvia fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex isib żgħażagħ mill-Mellieħa bil-għan li jipparteċipaw fil-proġett imsemmi, li ser ikun iffinanzjat taħt il-programm Erasmus + tal-Unjoni Ewropea.

4.4.3. Il-Kunsillier H. Fenech spjega li l-proġett irid jiġi mwettaq bejn is-16 u s-26 ta' Frar 2015 u jinvolvi s-sehem ta' *leader* adult mgħejjun minn persuna żgħażugħa, kif ukoll minn ħames żgħażagħ oħra bejn l-etajiet ta' 18 u 22 sena. Intqal ukoll li qabel dan ser issir żjara f'Vecpielbalga bejn is-16 u t-18 ta' Diċembru 2014 bil-għan li jiġi ppjanat il-proġett. L-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-akkomodazzjoni ser ikun parzjalment koperti permezz tal-finanzjament imsemmi.

4.4.4. Minkejja li m'huwiex possibbli li xi kunsillier jattendi għal-laqgħa preparatorja, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jieħu sehem f'dan il-proġett xorta waħda.

## 4.5.1. Stedina mill-Kunsill Lokali ta' Cugir fir-Rumanija (K/1/5/Vol III)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.2. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal ittra datata 18 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mill-Kunsill Lokali msemmi fejn ingħataw aktar dettalji dwar il-festival annwali msejjaħ *Toamna Cugireana* li ser iseħħ bejn it-18 u t-22 ta' Settembru 2014. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li ġew mistiedna numru ta' artisti u artiġġjani sabiex jieħdu sehem fl-istess attivita`. Huwa kompla jgħid li f'dan l-istadju jrid jiġi stabbilit minn ser jattendi.

4.5.3. Ġie deċiż li bħala rappreżentanti tal-Kunsill għandhom jattendu l-Kunsillier J. Gauci u s-Sur S. Borg. Il-Viċi Sindku C. Bartolo u A. Brincat Stellini ġew inkarigati sabiex isibu l-artisti jew artiġġjani mill-Mellieħa li ser imorru Cugir.

4.5.4. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li artisti u artiġġjani għandhom jikkontribwixxu €100 għat-titjiriet

## 4.6.1. Proġett bi sħab mal-Comune di Clusone fl-Italja (P/10/19)

4.6.2. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti dwar il-proġett *Cultura accessibile e per tutti: La cultura unisce i giovani europei con minori opportunita`*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jinstabu parteċipanti għal dan il-proġett li ser iseħħ fi Clusone l-Italja, bejn il-21 u s-27 ta' Settembru 2014.

4.6.3. Il-Kunsill inkariga lill-Viċi Sindku C. Bartolo u H. Fenech sabiex jagħmlu l-kuntatti meħtieġa bil-għan li jinstabu ħmistax-il żgħażugħ bejn 16 u 19-il sena, li uħud minnhom jeħtieġ ikunu żgħażagħ żvantaġġjati.

## 4.7.1. Attivitajiet kulturali f'Agia Napa (K/1/5/4)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 12 ta' Awwissu 2014, fejn is-Sindku ta' Agia Napa – Yiannis Karousos – stieden delegazzjoni mill-Kunsill, flimkien ma' artisti u artiġġjani mill-Mellieħa sabiex jieħdu sehem fl-Agia Napa Festival bejn is-26 u t-28 ta' Settembru 2014 u l-Festival Medjevali li ser iseħħ bejn it-12 u d-19 ta' Ottubru 2014, f'Agia Napa.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jipparteċipa fl-Agia Napa Festival b'ħames artisti/artiġġjani, flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini u uffiċjal mis-Segretarjat tal-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li €100 mill-ispejjeż tat-titjiriet jridu jkopruhom l-artisti/artiġġjani, filwaqt li minn jakkumpanjahom irid ikopri l-prezz sħiħ. L-akkomodazzjoni u l-ikel ser jipprovdihom il-Kunsill Lokali ta' Agia Napa.

### 4.8.1. *European Mobility Week – Car Free Day* 2014 (A/4/5/Vol II)

4.8.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għal korrispondenza li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u minn Transport Malta, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex iressqu inizjattivi li beħsiebhom jieħdu bil-għan li jfakkru dan il-jum bħala parti mill-*European Mobility Week,* li ser tiġi osservata mis-16 sat 22 ta' Settembru. Huwa qal ukoll li saret applikazzjoni sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'dan l-avveniment permezz tal-*Car Free Day* nhar il-Ħadd 21 ta' Settembru. Is-Sur Vella ssuġġerixxa li jingħalaq Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Parroċċa u jiġu organizzati attivitajiet sportivi, jinġiebu vetturi li jaħdmu bil-batterija, kif ukoll ikun hemm *pony rides* għat-tfal. Ser tingħata għajnuna finanzjarja ta' €2,000 biex jiġu organizzati l-attivitajiet marbuta ma' dan l-avveniment.

4.8.3. Is-Sindku esprima d-dubji tiegħu dwar il-konkorrenza tal-pubbliku għal dan it-tip ta' attivitajiet wara l-esperjenza li kien hemm tal-edizzjonijiet preċedenti, minkejja l-isforzi li kienu saru.

4.8.4. Il-Kunsill iddeċieda favur li ssir il-*Car Free Day.*

### 4.9.1. Lejliet letterarji (A/5/5/Vol VIII)

4.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-ittra datata 1 ta' Awwissu 2014, mibgħuta mill-Għaqda Poeti Maltin fejn saret proposta sabiex isiru lejliet ta' qari ta' poezija u/jew proża fil-lokalitajiet. Hija qalet li post idejali għal dan hija l-Bitħa tas-Santwarju meta t-temp ikun jippermetti, jew forsi x'imkien fuq ġewwa, filwaqt li l-aħjar żmien ikun għall-ħabta tal-Milied.

4.9.3. Il-Kunsill aċċetta l-proposta u talab li din l-ideja tkompli tiġi żviluppata.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 21 ta' Awwissu 2014.

5.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ddikjara li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing li jidher taħt *item* 20 tal-iskeda, u għalhekk kien qed jirtira mid-diskussjoni li jista' jkun hemm dwaru.

5.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna li huwa għandu parentela mal-fornitur Unstinting Printing li jidher taħt *item* 34 tal-iskeda, u għalhekk kien qed jirtira mid-diskussjoni li jista' jkun hemm dwaru.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa li tkopri bejn l-1 u l-21 ta' Awwissu 2014 u għaldaqstant kien hemm qbil li l-istess skeda għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

### 7.1. Bandla għal persuni b'diżabilita` fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

7.2. Billi r-rapport tekniku tal-perit kien għadu ma' ġiex ippreżentat, il-Kunsill iddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni fuq din il-materja għas-seduta li jmiss.

### 8.1. Arranġamenti għall-Festi fil-Manikata u l-Mellieħa (F/2/Vol VII)

8.2. Is-Sindku għarraf li fit-18 ta' Awwissu 2014 saret laqgħa mal-Pulizija tad-Distrett, flimkien mal-għaqdiet li huma nvoluti fil-festi ta' San Ġużepp fil-Manikata u tal-Vitorja fil-Mellieħa. Fiha ġew diskussi fid-dettal l-arranġamenti tat-traffiku li għandhom jiġu osservati. Huwa qal li Transport Malta ġew aġġornati bl-għeluq tat-toroq li ser ikunu affettwati b'mod

partikulari Triq il-Mellieħa fir-rigward tal-Festa tal-Manikata u Triq il-Marfa/Ġorġ Borg Olivier/Kbira fir-rigward tal-Mellieħa.

8.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li minkejja dan, huwa ġie kkuntattjat mis-Surġent tal-Pulizija responsabbli mill-Uffiċċju tal-Għassa fil-Qawra biex jgħarrfu li fl-avviż li ser jidher fil-Gazzetta tal-Gvern dwar l-għeluq tat-toroq ser ikun hemm biss dawk li minnhom ser jgħaddu l-marċi u l-purċissjoni. Dan minkejja toroq oħra li jeħtieġ jingħalqu, fosthom Triq l-Erwieħ, Triq Ġnien Ingraw eċċ.

8.4. Is-Sindku kompla jgħarraf li saru laqgħat separati mal-kuntratturi responsabbli mill-ġbir tal-iskart organiku u dak responsabbli mit-tindif tat-toroq urbani, li bejniethom ser jissupplixxu madwar 24 *litter bin* fl-aktar postijiet ffrekwentati min-nies. Ġie miftiehm li nhar fit-8 ta' Settembru għandha ssir gabra tal-iskart filgħodu u oħra wara s-2.30pm, filwaqt li anke l-għada ssir oħra minn Misraħ il-Parroċċa, Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Erwieh, minkejja li ser taħbat it-Tlieta.

8.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li għandu jiġi żgurat li l-*litter bins* ikunu fil-post skont id-data ta' meta jibdew joperaw il-kjoskijiet. Dan għar-raġuni li jkunu qed jikkontrwixxu għalihom. Is-Sindku qal li l-ewwel kjosk huwa kopert bil-permess mill-1 ta' Settembru. Is-Segretarju wieġeb il-bejgħ mill-kjoskijiet jibda jkun sostanzjali mill-5 ta' Settembru. Is-Sur C. Debono qal li ma jkunx jaqbel li l-*bins* jinġiebu qabel, peress li dan jesponihom għas-serq, kif ġara fil-passat.

8.6. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li f'dak li jirrigwarda l-knis tat-toroq ġie miftiehem li, minbarra l-knis mekkanizzat barrani marbut mal-festa kopert bil-kuntratt, bejn is-6.00pm u s-2.00am, ikun hemm persuna li tagħmel *hand picking* ta' skart fi Triq l-Erwieħ, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw u Triq San Pawlu.

8.7. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li kif stipulat fil-kuntratt relattiv, is-servizz fil-latrini pubbliċi ta' Ġnien iż-Żerniq u f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II ser jiżdied kif jidher hawn taħt:

*Ġnien iż-Żerniq Manikata*

- 22/08/2014 – mis-7.00pm sal-11.00pm
- 29/08/2014 – mis-7.00pm sal-11.00pm
- 30/08/2014 – mis-7.00pm sal-11.00pm
- 31/08/2014 – mis-7.00am sal-11.00pm

*Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II Mellieħa*

- 06/09/2014 – sas-2.00am
- 07/09/2014 – sas-2.00am
- 08/09/2014 – sas-12.00pm

8.8. Ġie propost li għall-ewwel darba jitpoġġa *mobile toilet* fi Triq l-Assedju l-Kbir qrib it-triq Ta' Bejn il-Ġonna, fis-6, 7, u 8 ta' Settembru, filwaqt li jinżammu l-postijiet tas-soltu, kif ġej:

- Tnejn fi Triq Salvinu Vella – mal-ġenb taċ-ċimiterju;
- Wieħed għall-persuni b'diżabilita` u ieħor normali fi Triq l-Inkurunazzjoni – fejn il-maħżen tal-knisja; u
- Wieħed fi Triq l-Ghollieqa Belleveder.

8.9. Is-Sindku qal li huwa beħsiebu jiltaqa' mal-operaturi tal-barijiet li hemm f'Misraħ il-Parroċċa u għalhekk staqsa lill-Kunsill dwar jekk huwiex ser jinżammu l-arranġamenti li kien hemm fi snin oħra. Il-Kunsill ikkonferma li:

- l-ispażju li għandu jiġi allokat ikun l-istess għat-tliet applikanti li normalment japplikaw;
- l-umbrellel għandhom jiżżarmaw wara nżul ix-xemx;
- ma jsirx tisjir fuq barra;
- l-permessi jkunu limiti għal Misraħ il-Parroċċa biss; u

- applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi ġodda, apparti dawk tal-Pergola Club Hotel, il-Maritim Hotel Antonin & Spa u l-120 Bar, li jiġu fl-aħħar ħin, ma' jiġux ikkunsidrati.

8.10. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-Korporazzjoni Enemalta qed tesiġi ma' kull minn qed jitlob il-provista tal-elettriku sabiex jipprovdi *earth electrode*. Fid-dawl ta' dan huwa importanti li ma jkunx hemm minn jirrikorri għall-użu tal-*generator*. Is-Segretarju wieġeb li l-obbligu tal-*earth electrode* huwa tal-applikant mhux tal-Kunsill. Fil-fatt, il-Kunsill ġie notifikat minn Transport Malta li t-tħaffir ta' ħofor għall-*electrode* jirrikjedi l-permess tal-istess awtorita`. Is-Sur C. Debono għamilha ċara li l-kundizzjoni fil-permess tal-kjoskijiet/*stands* ser tibqa' u għalhekk il-kwistjoni tal-*generators* hija kwistjoni ta' infurzar.

8.11. Is-Sur C. Bartolo qal li kien hemm talba minn Women in Business sabiex fis-7 ta' Settembru tittella' wirja tal-arti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Kien hemm talba oħra minn daqqaqa Peruvjani sabiex idoqqu fl-istess post fil-jiem tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

8.12. Il-Viċi Sindku qal li ser jitqassam programm tal-attivitajiet esterni marbuta mal-Festa tal-Vitorja, filwaqt li ser jitwaħħal *billboard* fit-Telgħa ta' Selmun. Huwa qal li l-programm ser jiswa €590 f'dak li huwa ddisinjar u €1,038.40 għall-istampar. Il-programm ser ikun fiħ 8 paġni u ser jiġu stampati 8,000 kopja, li 3,500 ser jitqassmu fid-djar u l-bqija fil-lukandi. L-ispiża għall-istampar tal-*billboard* u t-tqassim tal-programm kienet għadha mhux magħrufa. Il-Kunsill approva dawn l-ispejjeż.

## 9.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2014 (F/1/1/Vol II)

9.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

9.3. Billi kien sar il-ħin, dan is-suġġett tħalla għas-seduta li jmiss.

## 10.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XII)

10.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li saret talba verbali mill-operaturi ta' negozji fi Triq il-Kbira li jinsabu bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna. L-istess operaturi qed jikkontendu li jkollhom problema kbira meta jiġu biex iħottu l-merkanzija.

10.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li hemm iktar minn seba' negożji fiż-żona u għalhekk għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex talloka spażji għall-iskop imsemmi fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq il-Pellegrini. Kien hemm qbil li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex issir tabella simili għal dawk eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira, li taqra: *"Parking for Un/loading by Commercial Vehicles – Mon – Sat – 9.00am – 1.00pm – Daily Unrestricted Parking Remaining Hours".*

## 11.1. Stedina mill-Comune di Aquaviva delle Fonte (K/1/5/1/Vol III)

11.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina verbali u bil-kitba li saret mis-Sindku Dott. Davide Francesco Ruggero Carlucci sabiex sa massimu ta' tletin mużiċist mill-Mellieħa jieħdu sehem f'serje ta' attivitajiet kulturali li ser iseħħu fl-isemmija belt bejn il-25 u t-30 ta' Ottubru 2014. Huwa fakkar li s-Sur Carlucci għamel din l-istedina waqt li kien qiegħed fil-Mellieħa jieħu sehem fil-konferenza "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" .

11.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-Għaqda Mużikali Imperial għandha tiġi mħajra tieħu sehem, peress li fl-aħħar okkażjoni simili kienet ħadet sehem il-Banda La Vittoria. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jkun rappreżentat mill-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier P. Cutajar u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. L-akkomodazzjoni ser tiġi pprovduta mill-Comune di Aquaviva delle Fonte.

## 12.1. Attrezzi fil-Klinika tal-i*Speech Therapist* tal-Gvern (M/8/Vol V)

12.2. Il-Kunsillier J. Attard tenna l-ħtieġa li jinxtara kompjuter *tablet* mill-fondi tal-Kunsill sabiex jintuża mill-i*speech therapist* li tattendi fil-berġa tal-Mellieħa.

12.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-berġa u s-servizzi relatati magħha ma jaqgħux fl-ambitu tal-Artiklu 33 tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u għalhekk dawn it-tip ta' spejjeż għandhom jsiru mill-i*Speech Language Department.*

12.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment imsemmi.

### 13.1. Tlielaq ta' karozzi klassiċi (S/6/Vol IV)(A/6/3/2 Vol 47)

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa ġie avviċinat mill-organizzaturi tal-Valletta Grand Prix sabiex il-*hillclimb* b'vetturi klassiċi li soltu ssir fl-Imtaħleb, l-edizzjoni li jmiss issir f'Dawret il-Mellieħa. Din hija ppjanata li sseħħ nhar il-Ħamis 9 ta' Ottubru 2014, u fiha ser jieħdu sehem kompetituri minn pajjiżi oħra. L-organizzaturi qed jitolbu l-permess tal-Kunsill għal dan l-avveniment, kif ukoll biex il-bdiewa ta' dawk l-inħawi jiġu nfurmati dwaru minn qabel. Kompla jgħid li kemm-il darba joħroġ il-permess, l-istemma tal-Kunsill tiġi nkluża fil-materjal kollu stampat, kif ukoll fis-sit elettroniku tal-organizzaturi.

13.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li billi l-attivita` ser issir il-Ħamis, jista' jkun li xi bdiewa jagħmlu l-biegħa u jeħtieġilhom imorru l-pitkalija.

13.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess bl-istess kundizzjonijiet li ħarġu permessi simili preċedenti.

### 14.1. Sewqan perikoluż fi Triq Lewis Wettinger (T/3/2/Vol XII)

14.2. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar sewqan perikoluż minn sewwieqa tal-muturi fit-triq imsemmija nhar ta' Ħadd filgħodu. Minbarra li jkun hemm uħud itellqu bejnithom b'mod perikoluż, qiegħdin ukoll jikkawżaw inkonvenjent għar-residenti bil-ħsejjes li jiġġeneraw.

14.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dan mhux il-każ illi ssir speed *camera*, għaliex din tkun effettiva għal tul ta' 100 metru biss, u għalhekk jibqa' tul konsiderevoli biex jista' ikun hemm sewqan abbużiv lil'hinn mir-*range* tagħha.

14.4. Il-Kunsill iddeċieda li tintalab l-assistenza tal-Pulizija tat-Traffiku sabiex jagħmlu rondi nhar ta' Ħadd filgħodu.

### 15.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Organiku (K/6/2/Vol IV)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna li qed ikun hemm problemi dwar il-ġbir tal-boroz is-suwed, partikularment fejn ikun hemm alloġġjati t-turisti u nies tal-vileġġjatura, billi dawn qed jinħarġu nhar ta' Tlieta u Ħamis, jew jinħarġu l-boroż il-griżi fil-ġranet l-oħra.

15.3. Is-Sindku għarraf li dan il-kuntratt diġa ġie diskuss mit-*Tender Adjudication Board*, fejn ġie rakkomandat li matul ix-xhur tas-sajf ikun hemm servizz ta' ġbir ta' skart organiku fil-Ħdud fiż-żoni Ta' Gerbulin u Tas-Sellum.

15.4. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda għas-seduta li jmiss.

### 16.1. Kompetizzjoni annwali bi premju intitolata *A+Accessibility Award* (P/8/4)

16.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li terġa ssir sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni ta' antiporta awtomatika u biex jittejjeb l-aċċess fil-bieb ewlieni tal-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa staqsa wkoll dwar jekk ġiex irreġistrat progress fir-rigward tal-puġġaman fi Triq il-Mitħna l-Qadima bejn Triq Santa Marija u Triq Sant' Anna, kif ukoll għar-rampa li trid issir bejn l-istess Triq Sant' Anna għal Triq Ġorġ Borg Olivier.

16.3. Viċi Sindku C. bartolo għarraf li huwa flimkien mas-Segretarju ltaqgħu fuq il-post mal-*Contracts Manager* dwar ir-rampa għall-persuni b'diżabilita` minn Triq Sant Anna għal Triq Ġorġ Borg Olivier. Ġie stabbilit, flimkien mal-Perit sabiex sa l-1 ta' Settembru 2014 jiġi finalizzat id-dokument tal-offerta, ix-xogħol ikun beda sal-21 ta' Ottubru, u huwa stmat li jiġi konkluż sat-30 ta' Novembru 2014.

16.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 17.1. Arranġamenti tat-traffiku fi Triq Ta' Taħt l-Irdum k/m Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)

17.2. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona li ssir *traffic island* permezz tal-kurduna fil-post indikat hawn fuq, minflok dik eżistenti li hija biż-żebgħa.

17.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kien hemm deċiżjoni ta' Transport Malta fuq din il-proposta li ngħatat f'ittra datata 15 ta' Lulju 2010.

17.4. Is-Sindku kkummenta li huwa għandu dubju kemm huwa possibbli li vetturi kbar ikunu jistgħu jduru minn Triq Għajn Żejtuna għal Triq Ta' Taħt l-Irdum mingħajr ma jkollhom jitilgħu fuq it-*traffic island* proposta.

17.5. Is-Segretarju qal li fl-ittra msemmija fil-minuta 17.3., Transport Malta kienet approvat li ssir *pear shaped traffic island* biż-żebgħa, li fil-fatt saret.

### 18.1. Lapida li tfakkar il-wasla tal-elettriku fil-Mellieħa (K/1/2/Vol V)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li huwa ġie avviċinat minn persuna anzjana li qaltlu illi mal-faċċata tal-estensjoni l-ġdida tal-uffiċċju tal-Kunsill kienet twaħħlet il-lapida msemmija. Skont l-istess persuna, din kienet tqiegħdet mal-faċċata, preċiżament fi Triq il-Parroċċa kantuniera ma' Triq il-Madonna Ta' Fatima.

18.3. Is-Sindku qal li ma jafx li kien hemm l-ebda lapida, kemm meta l-Kunsill akkwista l-fond kif ukoll qabel meta kien għadu jservi bħala sede tal-Mellieħa Sports Club. Huwa appella lill-Kunsillier H. Fenech jikseb aktar tagħrif, jekk huwa possibbli.

### 19.1. Pubblikazzjoni ta' antoloġija ta' Marija Grima (P/3/5)

19.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq u għarrfet li hija kkuntattjat lill-Għaqda Kittieba tal-Malti, li rrakkomandawlha lis-Sinjorina Oriana Spiteri persuna li kapaċi tittajpja u tagħmel il-qari tal-provi. Skont stima datata 22 ta' Awwissu 2014, l-ittajpjar ta' 103 poeżija, l-ewwel u t-tieni qari tal-provi, kif ukoll suġġerimenti dwar aspetti letterarji, mistenni li jiswa €475, filwaqt li ngħatat garanzija li x-xogħol jitlesta sal-ewwel ġimgħa ta' Diċembru 2014.

19.3. Il-Kunsill approva l-istima, bil-kundizzjoni li jingħata rikonoxximent fuq l-istess pubblikazzjoni.

### 20.1. Ħarġa lejn Smart City (A/5/5/Vol VII)

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa li jmiss tkun filgħaxija lejn Smart City fit-18 ta' Settembru 2014.

20.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

### 21.1. *Pre-retirement course* (E/3/2/Vol II)

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet illi d-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunita` ser iniedi proġett pilota fil-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa u Ħal Qormi li jinvolvi tmien sessjonijiet li jibdew mis-7 ta' Ottubru 2014. Dawn ser isiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum bejn il-5.30pm u t-7.45pm. Id-Dipartiment appella għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex tingħata pubbliċita` lil dan il-kors fost ir-residenti.

21.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi nkluż avviż fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa" u fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

### 22.1. Korsijiet 2014-2015 (E/3/1/Vol III)

22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li attwalment jistgħu jsiru applikazzjoni għall-korsijiet taħt l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja (*Lifelong Learning*) tal-Malti għall-Barranin, u dawk ġodda tat-Taljan u l-Ispanjol. Hija qalet ukoll li l-korsijiet tal-*aerobics* illi ser jsiru flimkien mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika, kif ukoll dak taż-zumba li qed jiġi organizzat mill-Kunsill, ser jibdew minn Ottubru 2014, kull nhar ta' Tlieta u Ħamis fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja. Il-kors tal-*line dancing* ser ikompli jingħata darba fil-ġimgħa mis-Sala tal-Kunsill. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet ukoll li l-kors illi jwassal għal-liċenzja nawtika jsir skont il-konkorrenza li jkun.

22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**23.1.** ***Animal Appreciation Day*** **(A/5/3/Vol X)**

23.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2014 issir l-attivita` msemmija fil-Park tal-Familja u fi Triq Gużè` Flores, fejn min irabbi xi *pet* ikollu l-opportunita` jesibiħ lill-pubbliku li jkun hemm preżenti. Minbarra dan ikun hemm veterinarju biex jagħti pariri dwar it-trobbija tal-*pets* lill-pubbliku preżenti. Huwa ssuġġerixxa li jkun hemm *pony rides* għat-tfal.

23.3. Il-Kunsill approva l-attivita`.

**24.1. Dħul ta' vetturi f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/3/2/Vol XII)**

24.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li saritlu talba mis-Sinjuri Emanuel Muscat u Joseph Bartolo illi għandhom proprjeta' fil-misraħ imsemmi. Huwa spjega li għalkemm dawn il-persuni m'għandhomx garaxx mal-proprjeta' tagħhom, qed isibuha diffiċli li jgħabbu jew iħottu oġġetti kull meta jeħtiġilhom. Għaldaqstant talbu li jingħataw ir-*remote control* li jtellgħa u jniżżel il-*bollards*.

24.3. Il-Kunsill dehrlu li għandu jilqa' dawn it-talbiet bil-kundizzjoni li ma jitħallewx vetturi pparkjati bla ħtieġa 'il ġewwa mill-*bollards*.

**25.1. Emendar tal-*Bye-Laws* dwar Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol IV)**

25.2. Il-Viċi Sindku rrefera għal diskussjonijiet li kien hemm f'seduti preċedenti dwar l-emendar tal-*Bye-Laws* KLBL37/2/2009, u staqsa dwar kienx hemm progress fuq din il-materja, partikularment fid-dawl tas-sitwazzjoni perikoluża li qed ikun hemm bl-ikkampjar u l-kaċċa f'daqqa għaddejjin fl-istess żmien.

25.3. Is-Sindku kkummenta li ma jħossx illi huwa ġust illi ma jinħarġux permessi għall-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa. Is-Sur J. Buttigieg qal li bl-istess arġument, minn għandu binjiet fl-inħawi għandu jintalab ukoll ma jersaqx lejn il-proprjeta' tiegħu. Aċċenna wkoll għal allegazzjonijiet li qed isiru fuq il-medja soċjali minn membru tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti, fejn qed jingħad illi l-*campers* huma l-kaġun tal-iskart li qed jitħalla fit-tliet siti wżati għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Huwa kompla jgħid li l-*campers* veri, li jużaw dawn il-postijiet regolarment, mhux fl-interess tagħhom li jħallu l-iskart, għalhekk wisq probabbli, l-abbuż qed isir minn dawk l-uħud li jiġu darba kultant.

25.4. Il-Kunsillier H. Fenech irrimarka li l-pożizzjoni addotata mill-għaqda mhijiex aċċettabbli fil-konfront tal-*campers*, għaliex l-esperjenza wriet li kien hemm minn beda jaħdem raba żdingat illi kellu jitilqu, filwaqt li maż-żmien ingħalqu toroq permezz ta' xtiebi u anke inbnew strutturi li mhux neċessarjament saru għal skop agrikolu. Huwa staqsa dwar x'hini l-opinjoni tal-għaqda dwar il-persuni konċernati f'dan ir-rigward waqt l-istaġun tal-kaċċa.

25.5. Is-Segretarju aċċenna li l-liġi ma' teskludix l-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa u fakkar li fil-passat il-Kunsill kien addotta *policy* li twaqqaf l-ikkampjar waqt l-istaġun fiż-żoni tal-Aħrax tar-Ramel, tat-Tunnara, u tal-Madonna, għas-sigurta' tal-istess *campers*. Is-Sur C. Debono qal ukoll li rrispettivament minn din il-*policy*, il-Kunsill ikun legalment korrett jekk jibqa' għaddej bil-ħruġ tal-permessi skont il-*bye-laws* imsemmija. Dan peress li Triq Daħlet ix-Xmajjar u Triq l-Armier mhumiex meqjusa bħala toroq arterjali għall-fini tal-*Conservation of Wild Birds Regulations* - Avviż Legali 79 tal-2006.

25.6. Il-Viċi Sindku reġa ntervjena billi qal li l-posizzjoni tal-Kunsill hija waħda prekarja, fis-sens li qed joħroġ permessi fuq tliet żoni partikulari li mhumiex koperti bil-permess tal-MEPA sabiex jintużaw bħala tali. Huwa qal ukoll li ż-żona tal-Aħrax tal-Madonna hija diġa perikoluża għaliex tinsab qrib xifer ta' irdum.

25.7. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-argument miġjub fil-minuta 25.6 ma jreġġix għaliex iktar minn nofs il-kosta madwar il-gżejjer Maltin tikkonsisti f'irdumijiet u bl-ebda mod l-awtorijiet ma huma mistennija li jagħmel xi tip ta' ilqugħ minħabba li xi ħadd jista' jaqa'. Kieku kellu jsir hekk, wieħed ma jimmaginax l-impatt viżwali li dan iħalli.

25.8. Billi d-diskussjoni ma kinitx konklussiva, kien hemm qbil li l-permessi tal-ikkampjar għandhom jibqu ristretti waqt il-perjodu l-aktar iffrekwentat mill-kaċċaturi matul l-istaġun tal-kaċċa.

## AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru 2014 fis-7.30pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**